MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 131/2005

**A B**
**vs**
**C E D B; l-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri F B; u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-attrici u l-konvenut C E D B zzewgu f' Malta fl-20 ta' Awwissu 1988, filwaqt illi l-minuri F B, rapprezentant f' dawn il-proceduri permezz ta' kuraturi deputati, twieled fis-sitta (6) ta' Dicembru 2004 kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid numru erbat elef mija erbgha u hamsin (4154) tas-sena elfejn u erbgha (2004) anness ma' l-att tac-citazzjoni (Dokument A);

Premess illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid imsemmi gie dikjarat illi missier it-tarbija huwa l-konvenut C E D B pero' di fatti ma hux;

Premess illi fil-fatt il-minuri F gie koncepit minn relazzjoni illi l-attrici kellha ma' terzi;

Premess illi l-attrici ghandha interess illi jigi dikjarat li t-tarbija F B ma hiex il-wild naturali u bijologiku tal-konvenut C E D B;

Premess illi is-suespost jista' jigi stabbilit permezz ta' testijiet genetici appoziti;

Premess illi jehtieg illi jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija registrat mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara li t-tarbija li twieldet lill-attrici fis-sitta (6) ta' Dicembru 2004 bl-isem ta' F B ma hiex il-wild naturali u bijologiku tal-konvenut C E D B.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar u jikkancella mic-certifikat tat-twelid tal-minuri F B (Att Numru 4154 tal-2004), l-isem u d-dettalji tal-konvenut C E D B kull fejn jirrikorri u minflok inizzel "missier mhux maghruf".

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar u jikkancella mic-certifikat tat-twelid tal-minuri F B (Att numru 4154 tal-2004), il-kliem "the said" mid-dettalji tal-omm u cioe' l-attrici A B.

L-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti sabiex jidhru in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew li f’ dak l-istadju ma kienux ghadhom edotti mill-fatti tal-kaz;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi jekk it-talbiet attrici jigu jintlaqghu, l-kliem “the said” jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tindika t-taghrif dwar l-omm fl-Att ta’ Twelid in kwistjoni.

3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut C E D B li biha eccepixxa:

1. Illi huwa minnu li t-tarbija F B mhix il-wild naturali u bijologiku tieghu.

2. Illi fil-fatt tezisti l-impossibilita’ fizika li l-eccipjent huwa l-missier naturali tal-minuri in kwistjoni stante li l-eccipjent issepara de facto minn ma’ l-attrici f’ Ottubru 2000, u dan l-istat ta’ fatt gie sussegwentement ikkonfermat b’ digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili moghti fit-8 ta’ Marzu 2001 (Digriet Numru: 359/2001 hawn esebit bhala Dok. KM1).

3. Illi in vista tas-suespost l-eccipjent ma ghandu jbati l-ebda spejjez ta’ din il-kawza.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati; kif ukoll ir-relazzjoni[1] ex parte ta' l-Ispizjara Marisa Cassar, minnha debitament konfermata;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li zewgha, il-konvenut C E D B, mhuwiex il-missier naturali u bijologiku tat-tifel F li twieled mill-attrici fis-6 ta' Dicembru 2004; kif ukoll sabiex jigi korrett ic-certifikat tat-twelid relattiv numru 4154/2004.

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-attrici u l-imsemmi konvenut kienu zzewwgu fl-20 ta' Awissu 1988, izda f' Ottubru tas-sena 2000 huma sseparaw de facto; iz-zewg partijiet ikkonfermaw li minn dak iz-zmien 'il quddiem huma ma kellhomx relazzjonijiet intimi bejniethom, u li ghalhekk it-tifel F, ghalkemm registrat bil-kunjom B, ma jistax ikun il-wild ta' dan il-konvenut.

Illi r-rizultat tat-testijiet tad-DNA jissufragaw it-tezi tal-partijiet, stante li rrizulta li "C E D B li ghandu l-karta ta' l-identita' numru 524385M mhux il-missier naturali ta' F B."[2]

Dan premess u kkunsidrat it-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara li t-tifel F B li twieled fis-6 ta' Dicembru 2004 mhuwiex il-wild naturali u bijologiku tal-konvenut C E D B; u konsegwentement tordna d-debita korrezzjoni fl-att tat-twelid relattiv bin-numru 4154/2004 fis-sens li jigu kancellati l-isem u l-konnotati kollha tal-konvenut C E D B,

---

[1] Fol.71 *et seq.*
[2] Aff. Spizjara Marisa Cassar – fol.74

u minflok, jitnizzlu l-kliem “missier mhux maghruf”;  u tilqa’ ukoll it-tielet talba fit-termini taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------